# Il-Madonna tal-Kattridral

Kemm nitgħaxxaq bik O Marija
Kull darba li bi mħabba narmak,
Erħini noħorġok bi ħlewwa
Ikolli mitt sena biex narak.

Fiċ-Ċentru tal-Onkoloġija
Imħabba kbira minn nies,
Min għamillek minn fejn tiddendel
Ħafna huma li jħobbuk bla qjies.

Għax int Madonna tant int sbejħa
Qaluli l'int ta' Ġerusalemm,
Mill-muntanja Atos ġejt fostna
Biex żgur tieqaf magħna waqt il-hemm.

O Marija, b'ħarstek ħanina
Iddur ma' kull sala tal-isptar,
Tħares f'għajnejn min jkun quddiemek
Tixgħel b'imħabbtek il-qalb bħan-nar.

Hekk sabiħa, armata w fina
Int is-Sultana fl-aqwa Grigal,
Fil-qilla tal-imwieġ int tgħinna
Int il-Madonna tal-Kattidral.

Min ikun ħdejk isib refuġju
Int tixxotta d-dmugħ mill-għajnejn,
Għandek ħabta kif bl-akbar ħlewwa
Tiġbed bil-mod w fis-sod il-widnejn.

Inħossni ferħan li jien miegħek
Kanonku biċ-ċoqqa, Franġiskan,
Għax int, b'imħabbtek hekk materna
Toħodni għand uliedek ferħan.

Madonna tal-Kattidral, għini
Ħalli waqt li int tkun qed iddur,
Tkompli bi sbuħitek tistieden
Erwieħ li qalbek bl-imħabba tfur.

Marija, għalliema tal-għaqal
Bil-kattidral tiegħek iterraq,
Maċ-Ċentru tal-Onkoloġija
Fl-umiltà lill-uliedek twettaq.

Imbierek dat-trolley imqaddes
Li minnu l-Mulej jagħmel tant ġid,

Ara ftit is-sema qed jixgħel
Bl-erwieħ li minnu ħadu tiġdid.

Marija, Kewkba tat-tħabbira
Tal-Kelma t'Alla lil min hu fdal,
Ibqa' ħudna għand Ġesù Ibnek
Int, il-Madonna tal-Kattidral.

Patri Mario Attard OFM Cap
30 ta' Novembru 2024

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.